Nru./No. 20,781
Prezz/Price
€2.52

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 8 ta' Frar, 2022
Tuesday, 8th February, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1333 - 1341
Government Notices ..... *1333 - 1341*

Avviżi lill-Baħħara ..... 1341 - 1343
Notices to Mariners ..... *1341 - 1343*

Opportunitajiet ta' Impjieg 1344
Employment Opportunities *1344*

Avviżi tal-Gvern ..... 1344 - 1346
Notices ..... *1344 - 1346*

Offerti ..... 1347 - 1359
Tenders ..... *1347 - 1359*

Avviżi tal-Qorti ..... 1359 - 1384
Court Notices ..... *1359 - 1384*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 175

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal- Maġġur Ivan Mario Consiglio mir-Riżerva Individwali tal-Uffiċjali tal-Forzi Armati ta' Malta b'seħħ mill-31 ta' Jannar, 2022.

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 176

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja ta' Kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), lill-Uffiċjal Kadet imsemmi hawn taħt b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn ismu.

88016 Off/Cdt Agius Owen 27 ta' Lulju, 2021

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 177

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT
FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru VII tal-2022 imsejjaħ l-Att tal-2022 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi.

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 178

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ
TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 262 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Protezzjoni Ċivili.

It-8 ta' Frar, 2022

GOVERNMENT NOTICES

No. 175

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE PRESIDENT of Malta has been pleased to approve the retirement of Major Ivan Mario Consiglio from the Armed Forces of Malta Individual Reserve of Officers, with effect from the 31st January, 2022.

8th February, 2022

No. 176

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE PRESIDENT of Malta has the pleasure to approve the grant of a Commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) to the undermentioned Officer Cadet with effect from the date as shown against his name.

88016 Off/Cdt Agius Owen 27th July, 2021

8th February, 2022

No. 177

PUBLICATION OF ACT
IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. VII of 2022 entitled the Budget Measures Implementation Act, 2022.

8th February, 2022

No. 178

PUBLICATION OF BILL
IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 262 entitled the Various Laws relating to Civil Protection (Amendment) Act, 2022.

8th February, 2022

Nru. 179

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 20,777 tal-1 ta' Frar, 2022 (Avviżi Legali 35 sa 41), Nru. 20,778 tat-2 ta' Frar, 2022 (Avviżi Legali 42 sa 48) u Nru. 20,779 tal-4 ta' Frar, 2022 (Avviżi Legali 49 sa 64), rispettivament.

A.L. 35 tal-2022: Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Kap. 549); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Valutazzjoni u Maniġġar ta' Ħsejjes fl-Ambjent.

A.L. 36 tal-2022: *Supervisory Consolidation (Credit Institutions) Regulations, 2021 (L.N. 494 of 2021) (S.L. 371.22); Commencement Notice*.

A.L. 37 tal-2022: *Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) Regulations, 2021 (L.N. 495 of 2021) (S.L. 370.46); Commencement Notice*.

A.L. 38 tal-2022: *Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 491 of 2021); Commencement Notice*.

A.L. 39 tal-2022: *European Passport Rights for Credit Institutions (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 492 of 2021); Commencement Notice*.

A.L. 40 tal-2022: *Banking Act (Supervisory Review) (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 493 of 2021); Commencement Notice*.

A.L. 41 tal-2022: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123), Ordni tal-2022 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-Income) (Repubblika tal-Armenja) (A.L. 28 tal-2020); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 42 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Istitut tas-Sistemi Ambjentali.

A.L. 43 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2008 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-

No. 179

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 20,777 of 1st February, 2022 (Legal Notices 35 to 41), No. 20,778 of 2nd February, 2022 (Legal Notices 42 to 48) and No. 20,779 of 4th February, 2022 (Legal Notices 49 to 64), respectively.

L.N. 35 of 2022: Environment Protection Act (Cap. 549); Assessment and Management of Environment Noise (Amendment) Regulations, 2022.

L.N. 36 of 2022: Supervisory Consolidation (Credit Institutions) Regulations, 2021 (L.N. 494 of 2021) (S.L. 371.22); Commencement Notice.

L.N. 37 of 2022: Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) Regulations, 2021 (L.N. 495 of 2021) (S.L. 370.46); Commencement Notice.

L.N. 38 of 2022: Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 491 of 2021); Commencement Notice.

L.N. 39 of 2022: European Passport Rights for Credit Institutions (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 492 of 2021); Commencement Notice.

L.N. 40 of 2022: Banking Act (Supervisory Review) (Amendment) Regulations, 2021 (L.N. 493 of 2021); Commencement Notice.

L.N. 41 of 2022: Income Tax Act (Cap. 123), Double Taxation Relief (Taxes on Income) (The Republic of Armenia) Order, 2022 (L.N. 28 of 2020); Commencement Notice.

L.N. 42 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2012 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Science – M.Sc. – under the auspices of the Institute of Earth Systems.

L.N. 43 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards,

Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Contemporary Diplomacy taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

2021 for the Degree of Master in Contemporary Diplomacy under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. 44 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation and Terminology Studies jew għall-Grad ta' Master in Interpreting Studies taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

L.N. 44 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2014 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master in Translation and Terminology Studies or for the Degree of Master in Interpreting Studies under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. 45 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Arts – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

L.N. 45 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Arts – M.A. – under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. 46 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

L.N. 46 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2016 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Science – M.Sc. – under the auspices of the Faculty of Information and Communication Technology.

A.L. 47 tal-2022: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2009 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

L.N. 47 of 2022: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2022 to amend the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2021 for the Degree of Master of Science in Information and Communication Technology – M.Sc. ICT – under the auspices of the Faculty of Information and Communication Technology.

A.L. 48 tal-2022: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Bżonn ta' Ċertifikat Validu ta' Tilqima Rikonoxxuta kontra l-COVID-19.

L.N. 48 of 2022: Public Health Act (Cap. 465); Valid Certificate of Recognised Vaccination against COVID-19 Requirement (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 49 tal-2022: Att dwar il-Ħabs (Kap. 260); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħabs.

L.N. 49 of 2022: Prisons Act (Cap. 260); Prisons (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 50 tal-2022: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa.

L.N. 50 of 2022: Income Tax Act (Cap. 123); Cooperation with Other Jurisdictions on Tax Matters (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 51 tal-2022: Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386); Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Formoli taħt l-Att dwar il-Kumpaniji.

L.N. 51 of 2022: Companies Act (Cap. 386); Companies Act (Forms) (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 52 tal-2022: *Metrology Act (Cap. 454); Non-Automatic Weighing Instruments (Amendment) Regulations, 2022*.

L.N. 52 of 2022: Metrology Act (Cap. 454); Non-Automatic Weighing Instruments (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 53 tal-2022: *Product Safety Act (Cap. 427); Conformity Assessment of Marine Equipment (Amendment) Regulations, 2022*.

L.N. 53 of 2022: Product Safety Act (Cap. 427); Conformity Assessment of Marine Equipment (Amendment) Regulations, 2022.

A.L. 54 tal-2022: *Metrology Act (Cap. 454); Metrology (Transposition of Article 6 of Directive 2011/17/EU) Regulations, 2022*.

L.N. 54 of 2022: Metrology Act (Cap. 454); Metrology (Transposition of Article 6 of Directive 2011/17/EU) Regulations, 2022.

A.L. 55 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), CRD (Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 31 of 2022); Commencement Notice*.

L.N. 55 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), CRD (Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 31 of 2022); Commencement Notice.

A.L. 56 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 29 of 2022); Commencement Notice*.

L.N. 56 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Supervisory Consolidation) (Capital Requirements Directive) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 29 of 2022); Commencement Notice.

A.L. 57 tal-2022: *Investment Services Act (Supervisory Review) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 30 of 2022); Commencement Notice*.

L.N. 57 of 2022: Investment Services Act (Supervisory Review) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 30 of 2022); Commencement Notice.

A.L. 58 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Provision of Investment Services and Activities by Third-Country Firms) (Amendment) Regulations, 2022(L.N. 21 of 2022); Commencement Notice*.

L.N. 58 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Provision of Investment Services and Activities by Third-Country Firms) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 21 of 2022); Commencement Notice.

A.L. 59 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Supervisory Review Investment Firms Directive) Regulations, 2022 (L.N. 22 of 2022) (S.L. 370.47); Commencement Notice*.

L.N. 59 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Supervisory Review Investment Firms Directive) Regulations, 2022 (L.N. 22 of 2022) (S.L. 370.47); Commencement Notice.

A.L. 60 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Investment Firms Directive (Administrative Penalties, Measures And Investigatory Powers) Regulations, 2022 (L.N. 23 of 2022) (S.L. 370.48); Commencement Notice*.

L.N. 60 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Firms Directive (Administrative Penalties, Measures And Investigatory Powers) Regulations, 2022 (L.N. 23 of 2022) (S.L. 370.48); Commencement Notice.

A.L. 61 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Supervisory Consolidation (Investment Firms Directive) Regulations, 2022 (L.N. 24 of 2022) (S.L. 370.49); Commencement Notice*.

L.N. 61 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Supervisory Consolidation (Investment Firms Directive) Regulations, 2022 (L.N. 24 of 2022) (S.L. 370.49); Commencement Notice.

A.L. 62 tal-2022: *Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Fees) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 20 of 2022); Commencement Notice*.

L.N. 62 of 2022: Investment Services Act (Cap. 370), Investment Services Act (Fees) (Amendment) Regulations, 2022 (L.N. 20 of 2022); Commencement Notice.

A.L. 63 tal-2022: Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158); Indiċi tal-Inflazzjoni għas-Sena 2021.

L.N. 63 of 2022: Housing (Decontrol) Ordinance (Cap. 158); Index of Inflation for the Year 2021.

A.L. 64 tal-2022: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Ħinijiet li fihom Jiftħu l-Ispiżeriji.

L.N. 64 of 2022: Medicines Act (Cap. 458); Pharmacies (Opening Hours) (Amendment) Rules, 2022.

It-8 ta' Frar, 2022

8th February, 2022

Nru. 180

MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Ħatra ta' Membri tal-Bord li Jirregola l-Għotjiet għal Organizzazzjonijiet Volontarji skont Kampanja Nazzjonali Kontra d-Drogi

NGĦARRFU għall-informazzjoni ġenerali li l-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni approva l-ħatra tal-membri fuq il-Bord li Jirregola l-Għotjiet għal Organizzazzjonijiet Volontarji skont Kampanja Nazzjonali Kontra d-Drogi għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mid-29 ta' Settembru, 2021, kif ġej:

Chairperson
Is-Sur Frank Zammit

Membri
Is-Sa Yana Borg Debono Grech
Is-Sur Donald Muscat
Is-Sur Karl Dimech
Dott. Zaid Teebi
Is-Sur Kenneth Buttigieg
Is-Sa Sharon Grech
Is-Sur Ronnie DeManuele
Is-Sa Charlene Mizzi
Dott. Demi Agius
Is-Sa Monique Azzopardi
Is-Sa Josianne Mumford

Segretarja
Is-Sa Carmen Zammit Farrugia

It-8 ta' Frar, 2022

No. 180

MINISTRY FOR EQUALITY, RESEARCH AND INNOVATION

Appointment of Members of the Board to Regulate Grants to Voluntary Organisations in line with a National Campaign Against Drugs

IT is hereby notified for general information that the Minister for Equality, Research and Innovation has approved the appointment of the members of the Board to Regulate Grants to Voluntary Organisations in line with a National Campaign Against Drugs for a period of one (1) year with effect from 29th September, 2021, as follows:

Chairperson
Mr Frank Zammit

Members
Ms Yana Borg Debono Grech
Mr Donald Muscat
Mr Karl Dimech
Dr Zaid Teebi
Mr Kenneth Buttigieg
Ms Sharon Grech
Mr Ronnie DeManuele
Ms Charlene Mizzi
Dr Demi Agius
Ms Monique Azzopardi
Ms Josianne Mumford

Secretary
Ms Carmen Zammit Farrugia

8th February, 2022

Nru. 181

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TAL-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)
REGOLAMENTI TAL-2003 DWAR IL-FOND GĦALL-PROTEZZJONI U KUMPENS

Ħatra tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Fond ta' Protezzjoni u Kumpens

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikolu 51 tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni u r-regolament 5 tar-Regolamenti tal-2003 dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens ippubblikati permezz tal-Avviż Legali 435 tal-2003, l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta qiegħda hawnhekk tistabbilixxi illi Dott. Marisa Attard u s-Sa Miriam Muscat se jkunu qed jokkupaw il-kariga ta' Membri tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Fond ta' Protezzjoni u Kumpens għal perjodu ta' tliet snin li beda mit-13 ta' Lulju, 2021, minflok is-Sur Joseph Felice Pace u s-Sur John Bonett.

It-8 ta' Frar, 2022

No. 181

INSURANCE BUSINESS ACT (CAP. 403)
PROTECTION AND COMPENSATION FUND REGULATIONS, 2003

Appointment of Protection and Compensation Fund Management Committee

IT is hereby notified that, in terms of article 51 of the Insurance Business Act and regulation 5 of the Protection and Compensation Fund Regulations, 2003, published by Legal Notice 435 of 2003, the Malta Financial Services Authority is hereby establishing that Dr Marisa Attard and Ms Miriam Muscat will be occupying the position of Members of the Protection and Compensation Fund Management Committee for a period of three years which commenced on the 13th July, 2021, instead of Mr Joseph Felice Pace and Mr John Bonett.

8th February, 2022

Nru. 182

AĠENT DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt giet appuntata Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill b'seħħ mis-7 ta' Frar, 2022:

Kunsill Lokali	*Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv*
Il-Ħamrun	Jordy Brincat

It-8 ta' Frar, 2022

No. 182

LOCAL COUNCIL ACTING DEPUTY EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Deputy Executive Secretary of that Local Council with effect from 7th February, 2022:

Local Council	*Acting Deputy Executive Secretary*
Ħamrun	Jordy Brincat

8th February, 2022

Nru. 183

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regoli	Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Xogħol *Part-time* u Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar il-*Final Settlement System* (FSS) (kollettivament ir-"Regoli").
Attività li trid tiġi regolata	L-emenda tar-Regoli dwar Xogħol *Part-Time* (L.S. 123.39) u tar-Regoli dwar *Final Settlement System* (FSS) (L.S. 372.14)
Entità Responsabbli	Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi

2. Sommarju u sfond

Dawn ir-Regoli qed jimplimentaw miżura tal-baġit li ttejjeb il-benefiċċju tal-ħelsien mit-taxxa fuq xogħol part-time.

3. Ħarsa ġenerali

L-ewwel strument li jirreferi għal xogħol *part-time* jikkonsisti f'erba' regoli: l-ewwel regola tistabbilixxi t-titolu u tirreferi għar-Regoli dwar xogħol *Part-time* li qed jiġu emendati b'dan l-istrument; it-tieni, it-tielet u r-raba' regola jħassru r-referenzi għall-formoli preskritti.

It-tieni strument jirreferi għar-regoli dwar il-*Final Settlement System* (FSS) u jikkonsisti b'żewġ regoli: l-ewwel regola tistabbilixxi t-titolu u tirreferi għar-regoli dwar l-FSS li qed jiġu emendati b'dan l-istrument, filwaqt li t-tieni regola effetivament tissostitwixxi Skeda A.

No. 183

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of the Rules	Part-time Work (Amendment) Rules, 2022 and Final Settlement System (FSS) (Amendment) Rules, 2022, (collectively the "Rules")
Activity to be regulated	The amendment of the Part-Time Work Rules (S.L. 123.39) and of the Final Settlement System (FSS) Rules (S.L. 372.14)
Responsible entity	The Office of the Commissioner for Revenue

2. Summary and Background

These amendments implement a budget measure that enhances the tax relief on part-time work.

3. Overview of the structure of the instrument

The first instrument referring to part-time work consists of 4 rules: rule 1 is the citation and refers to the principal rules (Part-Time Work Rules), which are being amended through this instrument; rules 2, 3 and 4 remove the reference to prescribed forms.

The second instrument referring to the FSS Rules consists of 2 rules: rule 1 is the citation and refers to the principal rules (Final Settlement System (FSS) Rules), which are being amended through this instrument, while rule 2 effectively replaces Schedule A.

4. Kummentarju

L-emendi għar-Regoli dwar Xogħol Part-Time qed iħassru r-referenzi għall-formoli preskritti fil-liġi; il-formoli li għandhom jiġu użati huma dawk approvati mill-Kummissarju u pubblikati fuq il-*website* tas-CfR.

L-emendi għar-Regoli dwar il-*Final Settlement System* qed jissostitwixxu l-formola tal-FS4 misjuba fl-Iskeda A, sabiex ibiddlu r-rata tat-taxxa għal waħda aktar baxxa.

5. Sezzjoni konklużivi

Dawn ir-Regoli għandhom jidhlu fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħhom fil-Gażżetta tal-Gvern.

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 184

MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL

Noti ta' Spjegazzjoni

1. Introduzzjoni

Titolu tar-Regoli	Regoli tal-2022 li jemendaw ir-Regoli dwar Taxxa fuq is-Sahra (ir-"Regoli")
Attivita' li trid tiġi regolata	Dawn ir-Regoli jemendaw ir-Regoli dwar Taxxa fuq is-Sahra (S.L. 123.200)
Entita Responsabbli	L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi

2. Sommarju u sfond

Dawn ir-Regoli emendatorji qed jimplimentaw miżura tal-baġit għal ħelsien mit-taxxa aktar favorevoli.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

L-istrument jikkonsisti f'żewġ regoli: l-ewwel regola tistabbilixxi t-titolu u tirreferi għar-regoli prinċipali (ir-Regoli dwar Taxxa fuq is-Sahra) li ser jiġu emendati b'dan l-istrument, filwaqt li t-tieni regola effettivament temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-Regoli Prinċipali jipprovdu li d-dħul minn sahra kwalifikanti taxxabli bir-rata ta' 15%, huwa ta' massimu 100 siegħa (kemm-il darba japplikaw il-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-Regoli). B'din l-emenda, il-100 siegħa ta' sahra taxxabli b'rata mnaqqsa ser tiġi sostitwita bi dħul minn sahra sa massimu ta' għaxart elef ewro (€10,000) fis-sena.

4. Commentary on parts

The amendment to the Part-Time Work Rules removes the prescribed forms previously in place. The forms to be used are those as approved by the Commissioner for Revenue and published on the CfR website.

The amendment to the Final Settlement System Rules replaces the current FS4 form through 'Schedule A', to cater for the new lower tax rate.

5. Concluding Section

The Rules shall come into force on the date of their publication in the Government Gazette.

8th February, 2022

No. 184

MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of the Rules	Tax on Overtime (Amendment) Rules, 2022 (the "Rules")
Activity to be regulated	These Rules amend the Tax on Overtime Rules (S.L. 123.200)
Responsible entity	The Office of the Commissioner for Revenue

2. Summary and Background

The amending rules implement a budget measure that enhances the tax relief on overtime income.

3. Overview of the structure of the instrument

The instrument consists of two rules: the first rule is the citation and refers to the principal rules (Tax on Overtime Rules) which will be amended through this instrument, while the second rule effectively amends rule 3 of the principal regulations.

4. Commentary

The principal rules provide that the qualifying income earned from overtime work taxable at the rate of 15% is that of a maximum of hours of 100 hours (provided all the conditions of the Rules are applied). Through this amendment, the 100 hours of overtime work taxable at the reduced rate of tax will be replaced by income earned from overtime work up to a maximum of ten thousand euro (€10,000) per annum.

5. Sezzjonijiet konklużivi

Ir-Regoli għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tagħhom fil-Gazetta tal-Gvern.

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 185

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

IL-KUMMISSJONI Elettorali tgħarraf illi l-kandidata eletta bħala Kunsillier fl-elezzjoni każwali li saret nhar it-Tnejn, is-7 ta' Frar, 2022 għall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar biex jimtela l-post li tbattal mis-Sa Graziella Galea hija dik li isimha jidher hawn taħt:

BORG MARY

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

It-8 ta' Frar, 2022

Nru. 186

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL SAFI

Kanċellament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 147, tal-1 ta' Frar, 2022, taħt it-titolu 'Numri ġodda ta' Bibien f'Ħal Safi', għandu jsir dan il-kanċellament kif indikat b'tipi **grassi**.

5. Concluding Section

The Rules shall come into force on the date of their publication in the Government Gazette.

8th February, 2022

No. 185

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

THE Electoral Commission notifies that the candidate elected as Councillor in the casual election held on Monday, 7th Febuary, 2022 for the Local Council of San Pawl il-Baħar to fill the post vacated by Ms Graziella Galea is that whose name is shown hereunder:

BORG MARY

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

8th February, 2022

No. 186

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL SAFI

Cancellation

WITH reference to Government Notice No. 147, dated 1st February, 2022, under the title 'Numbering of Doors at Ħal Safi', the following cancellation in **bold** should be made.

ĦAL SAFI

TRIQ SAN PAWL SQAQ NRU. 1

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl
Left side entering from Triq San Pawl

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl
Right side entering from Triq San Pawl

għandhom jiġu kkanċellati
should be cancelled

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	**4**
		Bieb bla numru	**6**

It-8 ta' Frar, 2022

8th February, 2022

Nru. 187

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
8.2.2022	€50.865	€0.633

It-8 ta' Frar, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 8 tal-2022

Hydrographic (multi-beam) survey fil-Bajja ta' Marsaxlokk

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir hydrographic (multi-beam) survey fil-Bajja ta' Marsaxlokk.

Il-multibeam hydrographic survey se jsir bejn l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022 u t-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022, u se jkun fiż-żona kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-istħarrig se jsir fiż-żoni kollha tal-Bajja ta' Marsaxlokk li huma aċċessibbli u sikuri għall-manuvra tal-bastiment tal-istħarriġ.

Il-bastiment ta'appoġġ Beezer se jintuża waqt l-istħarriġ, għalhekk huwa mitlub wisa' ta' 25m. Il-bastiment ta' appoġġ se jkun miexi bil-mod u se jtajjar il-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali D matul l-istħarriġ.

Il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa. Il-bastimenti kollha għandhom iżommu 'l bogħod mill-bastiment ta' appoġġ ta' hawn fuq Beezer, u għandhom jikkoperaw mat-tim tal-istħarriġ.

No. 187

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
8.2.2022	€50.865	€0.633

8th February, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 8 of 2022

Hydrographic (multi-beam) survey in Il-Bajja ta' Marsaxlokk

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a hydrographic (multi-beam) survey will be carried out in Il-Bajja ta' Marsaxlokk.

The multibeam hydrographic survey will be held between Wednesday, 9th February, 2022 and Tuesday, 8th March, 2022, and will be within the area as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The survey will be carried out in all areas of Marsaxlokk Bay that are accessible and safe for the survey vessel to manoeuvre.

The support vessels Beezer will be used during the survey, therefore a wide berth of 25m is requested. The support vessel will be moving slowly and will display the International Code of Signals Flag D during the survey.

Masters and operators of vessels are advised to keep a sharp lookout, navigate with caution and at slow speed. All vessels shall give the above support vessel Beezer a wide berth and shall cooperate with the survey team.

Huma għandhom josservaw kull struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 14 u/jew 16, minn Marsaxlokk VTS u minn kull persunal ta' infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 36

It-8 ta' Frar, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 9 tal-2022

Nar tal-Ajru – Festa ta' San Pawl – Il-Belt Valletta – 2022

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li b'konnessjoni mal-Festa Titulari ta' San Pawl fil-Belt Valletta, wirjiet tan-nar tal-ajru se jinħarqu mix-xatt fil-Ponta ta' Sant'Iermu (punt A). Se jsir logħob tan-nar tal-art fuq is-swar biswit il-Ponta tal-Imgerbeb (punt B) minn bejn wieħed u ieħor il-pożizzjoni li ġejja:

	Latitudni (T)	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.163	14° 31'.226
B	35° 53'.892	14° 31'.089

Id-dati u l-ħinijiet tal-logħob tan-nar mill-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq huma kif ġej:

Minn punt A:

Nhar l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022, mill-10.30 p.m. sal-11.00 p.m.,

Nhar il-Ħamis, 10 ta' Frar, 2022, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m.
minn 11.50 a.m. sal-12.15 p.m. u
mis-6.00 p.m. sat-8.30 p.m.

Minn punt B:

Nhar it-Tlieta, 8 ta' Frar, 2022, mid-9.30 p.m. sal-10.30 p.m.

Nhar l-Erbgħa, 9 ta' Frar, 2022, mill-10.00 p.m. sl-11.00 p.m.

Il-baħħara għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq, iżommu 'l bogħod mill-pożizzjoni indikata u distanza sigura minn punt A ta' mill-inqas 200m u minn punt B ta' mill-inqas 50m (kif muri fuq iċ-chart li tinsab fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)). Huma ordnati

They are to comply with any instructions given on VHF Channel 14 and/or 16, by Marsaxlokk VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 36

8th February, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 9 of 2022

Fireworks – Feast of St Paul Shipwreck – Valletta – 2022

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that in connection with the Titular Feast of St Paul's Shipwreck at Valletta, aerial firework displays will be let off from the foreshore at il-Ponta ta' Sant'Iermu (point A). Ground fireworks displays will take place on the bastion next to Il-Ponta tal-Imgerbeb (point B) from approximately the following position:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35° 54'.163	14° 31'.226
B	35° 53'.892	14° 31'.089

The dates and times of the firework displays from the above positions, are as follows:

From point A:

On Wednesday, 9th February, 2022, from 10.30 p.m. till 11.30 p.m.,

On Thursday, 10th February, 2022, from 8.00 a.m. till 8.10 a.m.
from 11.50 a.m. till 12.15 p.m. and
from 6.00 p.m. till 8.30 p.m.

From point B:

On Tuesday, 8th February, 2022, from 9.30 p.m. till 10.30 p.m.

On Wednesday, 9th February, 2022, from 10.00 p.m. till 11.00 p.m.

Mariners are to note the above, give the positions indicated a wide berth and a safe distance from point A of at least 200m and from point B of at least 50m (as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt)). They are further instructed to contact Valletta VTS on VHF channel

biex jikkuntattjaw lil Valletta VTS fuq VHF channel 12 meta jbaħħru 'l ġewwa u/jew 'il barra mill-Port il-Kbir u l-Port ta' Marsamxett fid-dati u ħinijiet ta' hawn fuq.

Struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u min kull persunal ta' infurzar fuq il-post għandhom jiġu osservati.

Pożizzjonijiet b'referenza għal: WGS 84 DATUM

Chart affettwata: BA Chart 177

It-8 ta' Frar, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 10 tal-2022

Kanċellazjoni ta' Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 204 tal-2021 rigward Dgħajsa Mgħarrqa fil-Magħluq – Periklu għan-Navigazzjoni

Issir referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li l-bastiment mgħarraq imsemmi f'Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 204 tal-2021 ġie mtella' minn qiegħ il-baħar u trasferit fuq l-art. Il-bastiment mgħarraq m'għadux ta' periklu għan-navigazzjoni.

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 204 tal-2021 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

It-8 ta' Frar, 2022

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 tal-2022

Kanċellazjoni ta' Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2022 rigward is-servizz NAVTEX ta' Malta u t-Tuneżija sospiż temporanjament

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li s-servizz NAVTEX ta' Malta (O) u Tuneżija (T) ġie restawrat u l-messaġġi qed jiġu trażmessi kif skedat.

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2022 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

It-8 ta' Frar, 2022

12 when navigating in and/or out of the Grand Harbour and Marsamxett Harbour on the above dates and times.

Any instructions issued on VHF channels 12 and/or 16 by Valletta VTS and/or by any enforcement agency on site, are to be complied with.

Positions referred to: WGS 84 DATUM

Chart affected: BA Chart 177

8th February, 2022

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 10 of 2022

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 204 of 2021 regarding Submerged Boat at Il-Magħluq – Danger to Navigation

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the submerged vessel mentioned in Local Notice to Mariners No. 204 of 2021 has been lifted from the sea bottom and has been transferred to land. The wreck is no longer a danger to navigation.

Local Notice to Mariners No. 204 of 2021 is hereby CANCELLED.

8th February, 2022

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 8 of 2022

Cancellation of Notice to Mariners No. 5 of 2022 regarding Malta and Tunisia NAVTEX service is temporarily suspended

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Malta (O) and Tunisia (T) NAVTEX service has been restored and messages are being transmitted as scheduled.

Notice to Mariners No. 5 of 2022 is hereby CANCELLED.

8th February, 2022

AWTORITÀ DWAR IL-MEDIĊINI

Opportunitajiet ta' Karriera

L-Awtorità dwar il-Mediċini tipproteġi u ttejjeb is-saħħa pubblika permezz tar-regolamentazzjoni tal-prodotti mediċinali, apparat mediku, u l-attivitajiet farmaċewtiċi f'Malta.

Uffiċjali dwar il-Finanzi u l-Amministrazzjoni
(Permess tal-Jobsplus: 88/2022)

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). L-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa sas-Sibt, 12 ta' Frar, 2022, sa nofsinhar, permezz ta' ittra elettronika lil (hr.medicinesauthority@gov.mt).

It-8 ta' Frar, 2022

MALTA MEDICINES AUTHORITY

Career Opportunities

The Malta Medicines Authority protects and enhances public health through the regulation of medicinal products, medical devices, and pharmaceutical activities in Malta.

Finance and Administration Officer/s
(Jobsplus Permit No: 88/2022)

Further information mat be obtained from (www.medicinesauthority.gov.mt/careers). Application documents are to be submitted by email to (hr.medicinesauthority@gov.mt) by not later than noon on Saturday, 12th February, 2022.

8th February, 2022

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi 2018. Għaldaqstant sejrin isiru surveys permezz ta' droni f'dawn il-lokalitajiet kif indikat fid-dati rispettivi:

In-Naxxar – mis-7 sat-28 ta' Frar, 2022

Aktar tagħrif jista' jintalab permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-8 ta' Frar, 2022

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following localities on the respective dates:

Naxxar – 7th till 28th February, 2022

Any queries should be directed to the following email address (geomatics@pa.org.mt).

8th February, 2022

PUBLIC BROADCASTING SERVICES

Direct Orders mogħtija lill-Public Broadcasting Services Ltd fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (OPM) bejn l-1 ta' Jannar, 2021 u t-30 ta' Ġunju, 2021, skont ir-Regolament 111(2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku A.L. 352 tal-2016

It-8 ta' Frar, 2022

PUBLIC BROADCASTING SERVICES

Direct Orders award to Public Broadcasting Services Ltd within the Office of the Prime Minister (OPM) between 1st January, 2021 and 30th June, 2021, in terms of Reg. III (2) of the Public Procurement Regulations 2016 LN. 352 of 2016.

8th February, 2022

Data tal-approvazzjoni *Date of approval*	Numru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Deskrizzjoni *Description*	Ammont VAT eskluż *Amount excluding VAT*
7/12/2021	100/09/5	Approval of direct order with Epic for the renewal of current mobiles contract for a period of 36 months	€36,000 (made up of €12,000 x 3 years)

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-MEDIĊINI

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Mediċini matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2020 u t-30 ta' Ġunju, 2020, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (A.L. 352/2016).

MALTA MEDICINES AUTHORITY

List of direct orders awarded by the Malta Medicines Authority during the period between 1st January, 2020 and 30th June, 2020, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

It-8 ta' Frar, 2022

8th February, 2022

Direct Orders

Nru.	Nru. ta' Referenza tad-Direct Order	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order	Data ta' Approvazzjoni	Isem il-Kuntrattur	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT
No.	*Direct Order Reference No.*	*Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	*Approval Date*	*Contractor's Name*	*Contract Value Excl. VAT*
1	Contract	Advisory Services	1st January, 2020	Godfrey Laferla	€7,000
2	Contract	Software Development Services	1st January, 2020	Mr Duncan Abela	€5,000
3	Contract	Evaluation services in assessment procedures activities	1st January, 2020	Prof. Carla M. Caramella	€9,625
4	Contract	Evaluation services in assessment procedures activities	1st January, 2020	Prof. Emeritus Jose A. Guimaraes Morais	€6,250
5	Contract	Evaluation services in assessment procedures activities	1st January, 2020	Prof. Robert Nistico	€6,175
6	Contract	Expert services in assessment procedures activities	1st January, 2020	Prof. Torbjörn Callréus	€6,000
7	Contract	Advisory Services	1st January, 2020	Stephen Montefort	€7,000
8	PO 16/20	Consultancy Services	3rd February, 2020	Extedo	€7,100
9	100/09/16	Authorisation and Post-Authorisation Assessment of Medicinal Products	13th April, 2020	Prof. Robert Nistico	€16,000
10	100/09/16	Authorisation and Post-authorisation Assessment of Medicinal Products	8th May, 2020	Prof. Carla M. Caramella	€19,125
11	100/09/16	Authorisation and Post-Authorisation Assessment of Medicinal Products	25th May, 2020	Prof. Michal Pirozynski	€19,325
12	100/09/16	Use of the Common European Submission Portal ('CESP')	27th April, 2020	Health Products Regulatory Authority	€13,750
13	100/09/16	Subscription Services	19th June, 2020	Royal Pharmaceutical Society	€10,413

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IL-MEDIĊINI

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Awtorità ta' Malta dwar il-Mediċini matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2020, u l-31 ta' Diċembru, 2020, ippubblikata skont l-Artikolu 111(2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (A.L. 352/2016).

It-8 ta' Frar, 2022

MALTA MEDICINES AUTHORITY

List of direct orders awarded by the Malta Medicines Authority during the period between 1st July, 2020, and 31st December, 2020, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

8th February, 2022

Direct Orders

Nru. *No.*	Nru. ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.*	Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order*	Data ta' Approvazzjoni *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
1	PO 67/20	Training Services	1st July, 2020	Mourne Training Services	€8,000.00
3	PO 81/20 (a)	License Renewal	25th July, 2020	SG Solutions	€7,801.69
4	NA	Advisory Services	7th September, 2020	Charles Micallef	€9,990.00
5	NA	Advisory Services	5th October, 2020	Mario Vassallo	€9,990.00
6	No 117/20	Accounting Software Licence	28th October, 2020	2XL Software Solutions Ltd	€5,250.00
7	No 128/20	Annual membership fee	16th November, 2020	Pharmaceutical Inspection Co-operation Scheme (PIC/S)	€7,659.89
8	NA	Provision of 1 year access to the Communication and Tracking System for Mutual Recognition and Decentralised Procedures	14th December, 2020	German Federal Institute for Drugs and Medical Devices (BfArM)	€13,011.50
9	NA	Software Support for the Regulatory Agency eCTD (Common Technical Document) Reviewing Software	14th December, 2020	EXTEDO Gmbh	€15,000.00

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur jgħarraf li s-Sibt, 12 ta' Frar, u t-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022, mid-9.30 a.m. sal-4.00 p.m., Triq San Nikola se tkun magħluqa għat-traffiku. Ħadd ma jista' jipparkja f'din il-ġurnata matul dawn il-ħinijiet.

It-8 ta' Frar, 2022

ĦAL GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension
Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified in the tender document.

8th February, 2022

Programm Operattiv II – Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2014-2020
Ninvestu fil-Kapaċità Umana biex noħolqu aktar opportunitajiet u nippromovu l-ġid tas-soċjetà
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' kofinanzjament: 80% Fondi Ewropej; 20% Fondi Nazzjonali

Operational Programme II – European Structural and Investment Funds 2014-2020
Investing in human capital to create more opportunities and promote the wellbeing of society
Project part-financed by the European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 80% European Union Funds; 20% National Funds

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

CFT020-0117/22. Instrument protectors small and medium

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Frar, 2022, ġie mħassar.

It-8 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

CFT020-0117/22. Instrument protectors small and medium

published in the Government Gazette of 1st February, 2022, has been cancelled.

8th February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Provvisti, Ministeru għas-Saħħa) jgħarraf illi:

CFT021-0147/22. Human growth hormone injections

ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Frar, 2022, ġie mħassar.

It-8 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 0802U22 Medicinal/ Devices jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tnejn, 14 ta' Frar, 2022.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

It-8 ta' Frar, 2022

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Imqabba permezz tal-ePPS sad-9.30 am it-Tlieta, 15 ta' Marzu, 2022, għal:

Avviż Nru. MLC/T/40/04/2022. Kollezzjoni ta' skart goff u WEEE mil-lokalità tal-Imqabba b'mod li ma ssirx ħsara 'l-ambjent

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/ imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit eletroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Frar, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies, Ministry for Health) notifies that:

CFT021-0147/22. Human growth hormone injections

published in the Government Gazette of 4th February, 2022, has been cancelled.

8th February, 2022

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference ERU REf. No. 0802U22 will be received up to noon on Monday, 14th February, 2022.

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

8th February, 2022

MQABBA LOCAL COUNCIL

The Mqabba Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Mqabba Local Council through ePPS, up to 9.30 am on Tuesday, 15th March, 2022, for:

Advt No. MLC/T/40/04/2022. Collection of bulky refuse and WEEE from the locality of Mqabba in an environmentally friendly manner.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/ downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th February, 2022

KUNSILL LOKALI L-ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali l-Ħamrun jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Ħamrun sa nofsinhar tat-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022, għal:

Servizz ta' accountant għall-Kunsill Lokali l-Ħamrun

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq il-website u wieħed jista' jarahom jew jitniżżlu mill-istess sit.

It-8 ta' Frar, 2022

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħamrun Local Council through ePPS, up to noon of Tuesday, 8th March, 2022, for:

Services of an accountant at the Ħamrun Local Council

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the e-tenders website on (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the Tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

8th February, 2022

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sejħa għall-Offerti

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi:

Sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar, 2022, permezz tal-ePPS jirċievi offerti, għal:

Avviż Nru. MLC 2/2022. Disinn, tqassim u stampar tan-newsletter tal-Kunsill u magażin għat-tfal.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jistgħu jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etender.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom, jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kwalukwe offerta, anke l-aktar waħda li tidher vantaġġjuża.

It-8 ta' Frar, 2022

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Call for Tenders

The Mellieħa Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up to noon (Central European Time) noon on Monday, 28th February, 2022, for:

Advt No. MLC 2/2022. Design, laying out and printing of Council newsletter and children magazine.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be available for viewing and download from the same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most seemingly advantageous.

8th February, 2022

ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tgħarraf illi:

Offerti se jintlaqgħu mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali permezz tal-ePPS sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Frar, 2022.

Avviż Nru. LCA001/2022. Servizz – Chief Co-ordinator għad-delegazzjoni Maltija fil-Kumitat tar-Reġjuni (COR) fi Brussell u l-Kunsill tal-Ewropa (COE) fi Strasburgu.

LOCAL COUNCILS' ASSOCIATION

The Local Councils' Association notifies that:

Tenders will be received at the Local Councils' Association through ePPS, up to noon of Monday, 28th February, 2022.

Advt No. LCA001/2022. Service – Chief Co-ordinator for the Maltese delegation in the Committee of the Regions (COR) in Brussels and Council of Europe (COE) in Strasbourg.

Id-dokumenti tal-offerti huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali żżomm id-dritt li tirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Frar, 2022

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Councils' Association reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th February, 2022

KUNSILL LOKALI SANTA LUĊIJA

Il-Kunsill Lokali Santa Luċija jgħarraf illi:

Sejħiet għall-kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Santa Luċija, permezz tal-ePPS, sal-11.30 a.m. tat-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2022, għal:

Avviż Nru. T-KLSL-2/2022. Provvista ta' vann tal-elettriku għall-Kunsill Lokali Santa Luċija

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-8 ta' Frar, 2022

SANTA LUĊIJA LOCAL COUNCIL

The Santa Luċija Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Santa Luċija Local Council through ePPS, up to 11.30 a.m. of Tuesday, 8th March, 2022, for:

Advt No. T-KLSL-2/2022. Supply of a full electric van for the Santa Luċija Local Council

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

8th February, 2022

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

186

Permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Diċembru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Tabib Dr Nazzareno Azzopardi et vs Mario Zarb et, Rikors numru 697/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Zarb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Tabib Dr Nazzareno Azzopardi (KI 136938M), Margaret Ebejer (KI 137238M) u Salvina sive Sylvia Ebejer (KI 248146M), Salvatore Fenech (KI 410450M) u Mario Fenech (KI 293554M), David Fenech (KI 32863M), Frank Fenech (KI 707751M), Rose Muscat (KI 682355M), Alex Fenech (KI 618963M), Alfred Fenech

By means of a decree of the 10th December, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Doctor Nazzareno Azzopardi et vs Mario Zarb et, Application number 697/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Zarb in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Doctor Nazzareno Azzopardi (ID 136938M), Margaret Ebejer (ID 137238M) and Salvina sive Sylvia Ebejer (ID 248146M), Salvatore Fenech (ID 410450M) and Mario Fenech (ID 293554M), David Fenech (ID 32863M), Frank Fenech (ID 707751M), Rose Muscat (ID 682355M), Alex Fenech (ID

(KI 122846M), Jane Azzilla (KI 455748M), Paul Fenech (KI 136585M), Salvatore Fenech (Ki 52156M), Rose Borg (KI 715050M), Carmen Fenech (KI 449244), Miriam Grech (KI 778640M), Carmen Grech (KI 249242M) u Maria Concetta Grech (KI 828845M) vs Mario Zarb (KI 720958M) u l-Awtorità tad-Djar ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-1 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrenti t-Tabib Dr Nazzareno Azzopardi (KI 136938M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Mario Zarb (KI 720958M) ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Artikolu 11(b)(5) tal-Att Dwar id-Djar li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru, 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-kaz;

2. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att Numru XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 1, Triq il-Kbira, Ħal Lija, għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix 2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-każ;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimat Mario Zarb (KI 720958M) jibda jħallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern;

4. Jordna li f'każ illi l-intimat Mario Zarb (KI 720958M) ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond imsemmi fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta' Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b'riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: It-Tabib Dr Nazzareno Azzopardi (KI 136938M), 190, Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Margaret Ebejer (KI 137238M) u Salvina sive Sylvia Ebejer (KI 248146M), 28, Sacro Cuor, Triq N. Cottoner, Ħal Lija

Salvatore Fenech (KI 410450M) u Mario Fenech (KI 293554M), 77, Vella Edwige, Triq is-Sienja, Ħ'Attard

618963M), Alfred Fenech (ID 122846M), Jane Azzilla (ID 455748M), Paul Fenech (ID 136585M), Salvatore Fenech (ID 52156M), Rose Borg (ID 715050M), Carmen Fenech (ID 449244), Miriam Grech (ID 778640M), Carmen Grech (ID 249242M) and Maria Concetta Grech (ID 828845M) vs Mario Zarb (KI 720958M) and Housing Authority filed in the Rent Regulation Board, on the 1st October 2021, the applicant Doctor Nazzareno Azzopardi (ID 136938M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test of the respondent Mario Zarb (ID 720958M) in terms of Act XXIV of 2021 and in terms of Article 11(b)(5) of the Housing Act, be carried out which shall be based on the means test set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) issued under Article 1622A of the Civil Code and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020, and which means test has to be carried out with particular reference, inter alia to the regulations 4 till 8 set out in the Rule of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria) that has to be applied mutatis mutandi in this case;

2. Declare and decide that in accordance with Act No XXIV of 2021, the rent of the premises 1, Triq il-Kbira, Ħal Lija, shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value and to establish new conditions regarding the lease if the case may be;

3. Order and condemns the respondent Mario Zarb (ID 720958M) start paying the said increased rent in terms of Act XXIV of 2021 with immediate effect from the date of the filing of this application;

4. Orders that in the event that the respondent Mario Zarb (ID 720958M) does not meet the criteria of income and capital of the means test, the eviction of the same respondent from the said premises within a short and peremptory time established by this Board by not later than two (2) years from the 1st June, 2021.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and without prejudice to any other action that may eventually be filed.

Applicant : Doctor Nazzareno Azzopardi (ID 136938M), 190, Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Margaret Ebejer (ID 137238M) and Salvina sive Sylvia Ebejer (ID 248146M), 28, Sacro Cuor, Triq N. Cottoner, Ħal Lija

Salvatore Fenech (ID 410450M) and Mario Fenech (ID 293554M), 77, Vella Edwige, Triq is-Sienja, Ħ'Attard

David Fenech (KI 32863M), 3, Cefa, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard

Frank Fenech (KI 707751M), Brambodie, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Rose Muscat (KI 682355M), 20, Lavander Lodge, Triq Pawlu Borg, Ħ'Attard

Alex Fenech (KI 618963M), 31, Triq Giuseppe Calì, Ħal Lija

Alfred Fenech (KI 122846M), 78, Denika, Triq tal-Mirakli, Ħal Lija

Jane Azzilla (KI 455748M), 173, Main Street, Ħal Lija

Paul Fenech (KI 136585M), 6A, Maria Bambina, Triq il-Pruna, Ħ'Attard

Salvatore Fenech (KI 52156M), 145, Triq l-Imrieħel, Birkirkara

Rose Borg (KI 715050M),70, Triq il-Mirakli, Ħal Lija

Carmen Fenech (KI 449244M), 173, Main Street, Ħal Lija

Miriam Grech (KI 778640M) u Carmen Grech (KI 249242M) u Maria Concetta Grech (KI 828845M), 157, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Intimat: 1, Triq il-Kbira, Ħal Lija

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Tabib Dr Nazzareno Azzopardi et vs Mario Zarb et, Rikors numru 697/2021NB, jinsab differit għall-14 ta' Frar, 2022, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

David Fenech (ID 32863M), 3, Cefa, Triq il-Faqqiegħ, Ħ'Attard

Frank Fenech (ID 707751M), Brambodie, Triq il-Linja, Ħ'Attard

Rose Muscat (ID 682355M), 20, Lavander Lodge, Triq Pawlu Borg, Ħ'Attard

Alex Fenech (ID 618963M), 31, Triq Giuseppe Calì, Ħal Lija

Alfred Fenech (ID 122846M), 78, Denika, Triq tal-Mirakli, Ħal Lija

Jane Azzilla (ID 455748M), 173, Main Street, Ħal Lija

Paul Fenech (ID 136585M), 6A, Maria Bambina, Triq il-Pruna, Ħ'Attard

Salvatore Fenech (ID 52156M), 145, Triq l-Imrieħel, Birkirkara

Rose Borg (ID 715050M), 70, Triq il-Mirakli, Ħal Lija

Carmen Fenech (ID 449244M), 173, Main Street, Ħal Lija

Miriam Grech (ID 778640M) u Carmen Grech (KI 249242M) u Maria Concetta Grech (ID 828845M), 157, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Respondent: 1, Triq il-Kbira, Ħal Lija

Housing Authority

The application in the names Doctor Nazzareno Azzopardi et vs Mario Zarb et, Application number 697/2021NB, has been postponed for hearing to the 14th February, 2022, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

187

Permezz ta' digriet mogħti fis-26 ta' Ottubru, 2021, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Joseph Vella et vs Carmela sive Carmen Zarb, Rikors numru 524/2021NB, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmela sive Carmen Zarb a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Joseph Vella (KI 195945M) u Mario Vella (KI 354067M) vs Carmela sive Carmen Zarb (KI 352846M) pprezentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fit-23 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrenti Joseph Vella (KI 195945M) u Mario Vella (KI 354067M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata hija l-inkwilina tal-fond 39/41, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa, u dan ai termini tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

By means of a decree of the 26th October, 2021, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Joseph Vella et vs Carmela sive Carmen Zarb, Application number 524/2021NB, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmela sive Carmen Zarb in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an application in the names Joseph Vella (ID 195945M) and Mario Vella (ID 354067M) vs Carmela sive Carmen Zarb (ID 352846M) filed in the Rent Regulation Board, on the 23rd August 2021, the applicants Joseph Vella (ID 195945M) and Mario Vella (ID 354067M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare and decide that the respondent is the lessee of the premises 39/41, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, and this in terms of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Jordna li jwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilina li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili) u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostiwixxuhom, liema test għandu jkun ibbazat fuq id-dħul tal-inkwilin bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru, 2020, u fuq il-kapital tal-inkwilin fil-31 ta' Diċembru, 2020;

3. F'każ li jsib li l-intimata ma tissodisfax it-test tal-mezzi allura tordna li l-inkwilina tkun permessa sa żmien ta' sentejn (2) sabiex il-fond in kwistjoni jiġi vakat filwaqt li jiffissa l-kumpens pagabbli lill-atturi għall-okkupazzjoni tal-fond matul l-imsemmi perjodu;

4. F'każ li jsib li l-intimata tissodisfa t-test tal-mezzi allura jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tas-sena 2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond in kwistjoni kif kien fl-1 ta' Jannar, 2021.

Bl-ispejjeż u l-intimata in subizzjoni.

Rikorrenti: 187, Triq Stiefnu Zerafa, Il-Marsa

Intimat: 39/41, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Joseph Vella et vs Carmela sive Carmen Zarb, Rikors numru 524/2021NB, jinsab differit għall-14 ta' Frar, 2022, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2. Orders that the means test of the lessee be based on the means test set out in the Rules of the Continuation Tenancies (Means Testing Criteria issued under Article 1622A of the Civil Code) and any regulations that replace them, which test shall be based on the income of the lessee between 1st January and 31st December, 2020, and on the capital of the lessee on the 31st December, 2020;

3. In case the respondent does not satisfy the means test thus orders that the lessee will be permitted till two (2) years to vacate from the premises whilst it fix a compensation payable to the applicants for the occupation of the premises during that period;

4. In case the respondent satisfies the criteria of the means test, thus declare and decide that in terms of Act XXIV of 2021 the rent will be revised to the ammount that does not exceed 2% per annum of the free and open market value as it was on the 1st January, 2021.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Applicant: 187, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa

respondent: 39/41 Triq Stiefnu Zerafa, Marsa
Housing Authority

The application in the names Joseph Vella et vs Carmela sive Carmen Zarb, Application number 524/2021NB, has been postponed for hearing to the 14th February, 2022, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

188

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5330/2021, fl-ismijiet Norbert Spagnol et vs Joseph Borg, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Joseph Borg, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 15 ta' Diċembru, 2021

Lil Joseph Borg (KI 394677M) ta' 38, Sunrise, Triq Dun Michele Balzan, Ħ'Attard

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 26th January, 2022, in the records of the judicial letter number 5330/2021, in the names Norbert Spagnol et vs Joseph Borg, ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Joseph Borg, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th December, 2021

To Joseph Borg of 38, Sunrise, Triq Dun Michele Balzan, Ħ'Attard

Permezz tal-tal-preżenti, Norbert Spagnol (KI 571976 M) u martu Karen Spagnol (KI 380075 M) ta' 31, 'Elmar', Triq id-Dorga, Ħ'Attard, filwaqt li jagħmlu referenza għall-klawsola bin-numru '6.1.1' tal-att pubbliku ta' self u ta' kompra-vendita konkluż miegħek nhar is-6 ta' Settembru, 2017, fl-atti tan-Nutar Dr Pamela Mifsud Bonnici, permezz ta' liema l-mittenti, qua vendituri fuq l-istess att, kienu obbligaw ruħhom sabiex, fi żmien ħames (5) snin minn nhar il-25 ta' Novembru, 2016, jagħlqu "at their sole and exclusive expense the floor of the area underlying the outside stairs of the Maisonette which area is included in this agreement and which presently gives access to the Underlying Garage via a goods lift and stairs;", jinterpellawk sabiex, b'effett immedjat u fi kwalunkwe każ sa mhux iktar tard minn tlett (3) ijiem min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, tirripristina l-aċċess liberu tal-mittenti għall-imsemmi taraġ u għall-imsemmi goods lift billi tneħħi u tiżgombra l-effetti personali tiegħek li qegħdin jostakolaw l-użu u t-tgawdija tal-proprjetà tal-istess mittenti, kif ukoll jimpedixxu t-twettiq tal-obbligu tagħhom ai termini tal-klawsola surreferita, u dan kif jirriżulta mir-ritratti hawn esibiti u mmarkati bħala 'Dok. NS 1' - 'Dok. NS 2'.

By means of this judicial letter, Norbert Spagnol (ID 571976M) and his wife Karen Spagnol (ID 380075M) of 31, Elmar, Triq id-Dorga, Attard, whilst making reference to clause number 6.1.1 of the public deed of loan and purchase and sale concluded with you on the 6th September 2017 in the records of Notary Doctor Pamela Mifsud Bonnici, by means of which the interpellant, qua the vendors on the same deed, obliged themselves so that within five (5) years from 25th November, 2016, close "at their sole and exclusive expense the floor of the area underlying the outside stairs of the Maisonette which area is included in this agreement and which presently gives access to the Underlying Garage via a goods lift and stairs;" , solicits you so that with immediate effect and in any case by not later than three (3) days from the notification of this judicial letter, you restore the free access of the interpellants to the stairs and the mentioned goods lift by removing and evicting your personal belongings that are obstructing the use and the enjoyment of the property of the said interpellants, and also they are prohibiting the performance of their obligation in terms of the above mentioned clause, and this as results from the photos here exhibited and marked as Doc. NS1 - Doc. NS2.

Filwaqt li qegħdin iżommuk responsabbli għal kwalunkwe danni u għal kwalunkwe preġudizzju u inkonvenjent relatat mal-użu u mat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, il-mittenti qegħdin, permezz tal-preżenti, jipprovdu avviż formali tal-intenzjoni tagħhom li jintavolaw il-proċeduri ġudizzjarji appożiti fil-konfront tiegħek fl-eventwalità li ma tottemprax ruħek ma' dak lilek avżat entro ż-żmien hawn fuq stipulat.

While holding you liable for any damages and for any prejudice and inconvenience related to the use and enjoyment of their property, the interpellants are hereby providing formal notice of their intention to initiate legal proceedings in the event of your failure to comply with what you have been notified with above, within the time limit set out above.

Tant sabiex tagħraf tirregola ruħek u sabiex tagħraf tevita proċeduri ġudizzjarji u spejjeż żejda.

So much so that you know how to regulate yourself and so that you know how to avoid legal proceedings and extra costs.

Notifika: 38, 'Sunrise', Triq Dun Michele Balzan, Ħ'Attard

Notification: 38, 'Sunrise', Triq Dun Michele Balzan, Ħ'Attard

Reġistru Qrati Superjuri, illum 4 ta' Frar, 2022

Registry of the Superior Courts today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

189

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-1 ta' Frar, 2022, fuq rikors ta' Juliette Tango Holdings Limited (C49462) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 24 ta' Marzu, 2022, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

By decree given by the Civil Court, First Hall on the 1st February, 2022, on the application of Juliette Tango Holdings Limited (C49462), Thursday, 24th March, 2022, at half past eleven in the morning (11.30 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction, to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

Appartament bin-numru ħdax (11) mingħajr l-arja tiegħu, formanti parti mill-kumpless Southcliff Mansions, ġewwa Triq l-Iskall, Wied il-Għajn, li jikkonsisti f'penthouse,

Apartment number eleven (11) without its air space, forming part of the complex Southcliff Mansions, in Triq l-Iskall, Wied il-Għajn, which consists of a penthouse,

preżentament fi stat ta' ġebel u saqaf, sovrapost fuq iż-żewġ blokki illi jiffurmaw il-kumpless, aċċessibbli mit-tromba tat-taraġ fuq ix-xellug tal-blokk inti u tħares mit-triq, mill-bieb bin-numru dsatax ittra A (19A), suġġett għal servitujiet attivi jew passivi li jirriżultaw mill-pożizzoni tiegħu, suġġett għar-rata tiegħu ta' ċens annwu u perpetwu revidibbli kull ħamsin sena u stmat li jiswa' mitejn w għoxrin elf ewro (€220,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Southcliff Developments Limited (C27802).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 50/2020.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 4 ta' Frar, 2022

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

presently in shell form, overlying the two blocks forming the complex, accessible from the stairwell on the left side of the block when one is looking from the street from door number nineteen letter A (19A), subject to active and passive servitudes that result from its position, subject to its annual and perpetual ground rent rate revisable every fifty years and valued at two hundred and twenty thousand euro (€220,000).

The said tenement is the property of Southcliff Developments Limited (C27802).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 50/2020.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 4th February, 2022

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

190

Permezz ta' digriet mogħti fit-22 ta' Diċembru, 2021, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4441/2021, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi vs Wayne Cassar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Wayne Cassar a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 15 ta' Ottubru, 2021

Lil Wayne Cassar (KI 0075878M) ta' 75, Casa Kimron, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Santa Venera

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxi ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII ta' 1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €44, 181.96 rappreżentanti ammont dovut minnek skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxi għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

By means of a decree of the 22nd December 2021 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 4441/2021, in the names Commissioner for Revenue vs Wayne Cassar, the following publication for the purpose of service on the respondent Wayne Cassar was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 15th October, 2021

To Wayne Cassar (ID 0075878M) of 75, Casa Kimron, Triq l-Erbatax ta' Novembru, Santa Venera

By the present the Commissioner for Revenue of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the the amount of €44,181.96 representing the amount due by you according to the same Act.

With costs and interest according to the Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Revenue has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellant informs you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 4 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

191

Permezz ta' digriet mogħti fit-8 ta' Lulju, 2021, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 855/2021, fl-ismijiet Awtorità għat-Trasport f'Malta vs Matthew Mario Piscopo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 4 ta' Marzu, 2021

Lil Matthew Mario Piscopo ta' 29, Beata Mater, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk, Malta

Permezz tal-preżenti, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta mwaqqfa bl-Artikolu 5 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta ta' Awtorità għat-Trasport f'Malta, Malta Transport Centre, Ħal Lija LJA 2021, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn mid-data ta' din l-ittra tħallas s-somma ta' €122,749.00 rappreżentanti l-valur tal-ammont dovut minnek lill-mittenti inkonnessjoni mal-bastiment Alexandra 1 għall-(iżda mhux biss) kirjiet u t-tneħħija tal-istess bastiment.

Il-mittenti tiddikjara li dan il-kreditu minnha vantat huwa ċert, likwidu, dovut u għalaq u għalhekk tinterpellak sabiex immedjatament tħallas l-istess somma hawn fuq indikata stante li int m'għandek ebda difiża valida x'tagħti fil-liġi, flimkien mal-imgħaxijiet dekorribbli skont il-liġi.

Jekk it-terminu mogħti lilek se jgħaddi inutilment, il-mittenti ma jkollhiex alternattiva oħra għajr li tipproċedi legalment fil-konfront tiegħek bil-ħruġ tal-mandati opportuni.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, u b'riserva għal kull dritt u azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti fil-konfront tiegħek.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 4 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 8th July 2021 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 855/2021, in the names Malta Trasport Authority vs Matthew Mario Piscopo, the following publication for the purpose of service of the respondent was ordered in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th March, 2021

To Matthew Mario Piscopo of 29, Beata Mater, Triq il-Luzzu, Marsaxlokk, Malta

By the present the Malta Transport Authority established by means of Article 5 of the Malta Transport Authority Act for Malta Transport of Malta Transport Authority, Transport Centre, Ħal Lija, LJA 2021, hereby solicits you so that within two days from the date of this letter you pay the amount of €122,749.00 representing the amount due by you to the interpellants in connection with the vessel Alexandra 1, for (but not only) of the rents and removal of the same vessel.

The interpellant declares that the amount claimed is certain, liquid and due and thus solicits you so that immediately you pay the same amount above mentioned as you have no valid defence at law, together with interest incurred according to law.

If the time given to you lapses without your complying with the above, the interpellant will have no alternative but to legally proceed against you with the issuance of the appropriate warrants.

With costs and interest, and with reservation for any further rights and actions due to the sender against you.

So much so that you know how to move and regulate yourself.

Registry of the Superior Courts today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

192

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta' Ottubru, 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 242/2021, fl-ismijiet J. Zammit Limited vs Carmel Schembri ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Carmel Schembri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 28 ta' Jannar, 2021

Lil Carmel Schembri (KI 294466M) ta' 3, November Rain, Vjal il-Blue Grotto, Iż-Żurrieq, Malta

Permezz tal-preżenti J. Zammit Limited (C37945) ta' Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, tinterpellak sabiex immedjatament tħallas is-somma ta' €2,862.45 oltre l-imgħax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala sal-pagament effettiv, rappreżentanti ħmistax-il (15) skadenza ta' kambjali kull waħda b'valur ta' €190.83, liema kambjali mmaturaw fil-ħames (5) gurnata ta' kull xahar minn Diċembru 2019 sa Frar 2021 rispettivament (kopji hawn annessi u mmarkati Dok. A1-Dok. A15).

Din l-ittra uffiċjali qed issirlek a tenur tal-Artikoli 253(e) u 256(2) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għaldaqstant il-mittenti javvertik illi jekk fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali inti ma turix lill-Qorti raġunijiet gravi u validi biex topponi l-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, allura dan il-kreditu jiġi reż titolu eżekuttiv u jinħarġu kontra tiegħek il-mandati eżekuttivi kollha spettanti lilu skont il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek u bl-ispejjeż kontra tiegħek.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Frar, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 26th October, 2021, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 242/2021 in the names J. Zammit Limited vs Carmel Schembri the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmel Schembri in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 28th January, 2021

To Carmel Schembri (ID 294466M) of 3, November Rain, Vjal il-Blue Grotto, Żurrieq, Malta

By the present J. Zammit Limited (C37945) of Aries House, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, solicits you so that immediately you pay the amount of €2,862.45 besides legal interest from the due date of each bill of exchange till the date of effective payment representing 15 expired bills of exchange each of value €190.83, which bills of exchange were due on the 5th day of each month from December 2019 till February 2021 respectively (copies here attached and maked as Doc. A1-Doc A15).

This judicial letter is being made in terms of Article 253(e) and 256(2) of the Code of Organisation and Civil Procedure and thus the interpellant warns you that if within twenty day from the notification of this judicial letter you do not show this Court grave and valid reasons to oppose the execution of these bills of exchange, thus this credit will be rendered executive title and all the executive warrants will be issued against you according to law.

Soo much so that you may know how to proceed and regulate yourself and with costs against you.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 4th February, 2022

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

193

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Diċembru, 2021, fuq talba ta' Mapfre MSV Life plc ġie ordnat illi jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Court Marshall

By a decree given by the Court of Magistrates (Malta) on the 27th December, 2021, following a request by Mapfre MSV Life plc it was ordered that Deputy Curators be

lil Majbrit Sultana née Mortensen fl-atti taċ-ċedola numru 3588/2021 fl-ismijiet Mapfre MSV Life plc vs Eugenio Sultana vs Kuraturi Deputati fl-atti u l-proċeduri l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu ta' Mapfre MSV Life plc (C15722) vs Eugenio Sultana (KI 495562M) u Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrappreżentaw lil Majbrit Sultana née Mortensen, pprezentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Diċembru, 2021, fejn Mapfre MSV Life plc (C15722) esponiet bir-rispett:

Illi Eugenio Sultana u l-mara ma' min kien preċedentement miżżewweġ u ċjoè s-Sinjura Majbrit Sultana née Mortensen kellhom polza konġunta ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja bin-nurmu 27673 li kienet inħarġet mis-soċjetà esponenti b'effett mit-28 ta' Frar, 1996, u li dik il-polza immaturat fit-28 ta' Frar, 2021, bil-valur tal-maturità fl-ammont ta' €11,624.03;

